MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**LAURENCE QUINTANO**

Seduta tat-28 ta' Novembru, 2007

Numru 637/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur Mario Bonello)**

**versus**

**Maria Vella**

Il-Qorti,

1. Rat l-imputazzjoni dedotta kontra Maria Vella ta' 50 sena mart Raymond, bint Vincent Charlo' u Carmela nee' Abela mwielda Pieta' fid-9 ta' Mejju 1955 u residenti Stardust Triq Barth Hamrun, detentrici tal-karta ta' l-identita' bin-numru 359055(M).

2. Akkużata talli fl-21 ta' Ottubru 2004 fil-Ħamrun u f'dawn il-Gżejjer bil-ħsieb li ttellef jew tnaqqas il-ġieh jew

tnaqqas il-ġieh ta' George Mifsud weġġgħetu jew inġurjatu gravatament bil-kliem, b'ġesti, b'disinji, b'kitba jew b'xi mod ieħor.

Il-Qorti intalbet sabiex tipprovdi għas-sigurta' ta' l-imsemmi George Mifsud flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli għar-reat, torbot lill-isemmija Maria Vella b'obbligazzjoni tagħha nnifisha, taħt penali ta' somma ta' flus li tiġi ffissata mill-Qorti.

3. Rat l-atti kollha tal-proċess inkluż iċ-ċertifikat tat-twelid ta' l-imputata li jġib in-numru 3590 tas-sena 1955, ir-risposta ta' l-imputata li mhix ħatja u r-risposta ta' l-imputata li ma kellhiex oġġezzjoni illi l-proċeduri jkunu sommarji; il-kunsens ta' l-Avukat Ġenerali biex dawn il-proċeduri jkunu sommarji; l-affidavit li għalih ser ssir referenza matul din il-kawża a fol 10; iċ-ċertifikat tal-kondotta ta' George Mifsud a fol 22; l-eċċezzjoni imqajjma mid-difiża li bħala att ġudizzjarju preżentat fil-proċeduri ġudizzjarji, l-affidavit jikkostitwixxi dokument privileġġjat (fol 23); l-eżensjoni li ghamlet id-difiża lill-prosekuzzjoni milli ttella' rappreżentant tar-Reġistratur tal-Qorti sabiex jidentifika l-affidavit (fol 23) u d-differiment fejn din il-kawża tħalliet għas-sentenza.

4. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament.

5. Semgħet it-trattazzjoni ta' l-abbli prosekutur u l-abbli difensur.

Ikkonsidrat

<u>Il-fatti fil-qosor huma dawn</u>

6. Kien daħal rapport ta' ċertu George Mifsud lill-ispettur Mario Bonello fejn intqal illi l-imputata kienet għamlet affidavit u f'dan l-affidavit kienet akkużat lil George Mifsud li kellu xi problemi mal-ġustizzja. L-ispettur qal li fl-affidavit hemm il-kliem:

‘Aħna ma konniex inħossuna safe, kemm għax konna nibżgħu li jidħlulna fil-post u dan meta tqis li l-post ta’ taħtna kien post vojt, jiġifieri ma kienx abitat. Kienu qaluli wkoll li l-konvenut li jiġi George Mifsud kellu xi problemi tal-ġustizzja.’

7. L-ispettur Bonello xehed li kien ċċekkja mar-records tagħhom u sa fejn kien jaf hu George Mifsud qatt ma kellu xi problema mal-pulizija. Fil-kontro eżami l-avukat difensur staqsa lill-ispettur kienx jaf li dan l-affidavit kien ġie esebit f’kawża ċivili fl-ismijiet ‘Raymond Vella vs George Mifsud, liema kawża qed tinstema’ fil-Prim’Awla tal-Qorti Civili. L-ispettur qal li le ma kienx jaf pero’ hemm xi timbru fl-aħħar.

8. L-affidavit fit-tieni folja tiegħu a fol 11 insibu dan il-kliem ‘Kienu qaluli wkoll illi l-konvenut kellu problemi mal-ġustizzja.’

9. Mix-xhieda ta’ George Mifsud jirriżulta li hu kien bena kamra illi, skond hu, kienet bil-permess. Huwa qal li l-imputata kienet qed takkuzah bħala bniedem kriminali. Qal ukoll li meta jkun għaddej fuq il-bankina ikun insulentat minnha. Huwa qal li huwa qatt ma kellu x’jaqsam mal-pulizija u lanqas huwa kriminal u qatt ma ta fastidju. Huwa tella’ l-kondotta tiegħu miegħu biex juri li ma kellux problemi. Wara mistoqsija tal-Qorti huwa għamilha ċara li kien qed joġġezzjona għall-kliem ‘Kienu qaluli wkoll li l-konvenut għandu problemi mal-ġustizzja.’ (fol 15).

10. Huwa qal li fit-triq l-imputata ġieli qaltlu kriminal. Il-Qorti staqsietu meta kienet qaltlu hekk u huwa qal li kull meta jiltaqa’ magħha fuq il-bankina għax hu kien imur fil-post li ma kienx ’l bogħod minn ta’ l-imputata. Meta l-Qorti staqsiet f’liema ġranet kienet qaltlu kriminali, l-imputat qal li ma kienx jaf meta kienu dawn il-ġranet. Meta kien mistoqsi mill-avukat tad-difiża jekk qattx rrapurta lill-imputata għax kienet qaltlu kriminali, ix-xhud qal li ma qagħadx jikteb il-granet. Meta kien mistoqsi jekk qattx kellu kawża tad-disprezz, huwa qal li hu kellu ordni biex ma jitlax fuq il-bejt u kien tela’ biex jagħmel il-

manutenzjoni tiegħu. Huwa kien talab il-permess ta' l-awtorita'. Il-permess ħareġ u kien bena l-kamra. Huwa nnega li qatt kien hemm proċeduri mill-pulizija kontra tiegħu. Huwa kien mistoqsi wkoll jekk kellux xi każ dwar xi żiemel iżda huwa qal li le.

Xhieda difiża

11. Id-difiza tellgħet lil Dr. Francesco Depasquale illi qal li kien hemm digriet tal-Qorti biex jittieħdu proċeduri għad-disprezz kontra l-awtorita' tal-Qorti u dan kontra George Mifsud. Huwa qal li dawn il-proċeduri ġew istitwiti wkoll quddiem l-Imħallef Farrugia Sacco u qegħdin għad-9 ta' Ottubru. Għall-mistoqsija tal-prosekuzzjoni, ix-xhud wieġeb li dwar dawn id-disprezzi, ma kinux infurmaw lill-pulizija.

12. Xehdet Maria Vella l-imputata u qalet illi hemm żewġ kawzi illi nqatgħu favur tagħhom u issa hemm oħra ta' disprezz. Fihom kien involut ix-xhud George Mifsud. Hija kkonfermat illi l-affidavit kienet ppreżentatu f'kawza ċivili u dan sar f'Ottubru 2004. Mistoqsija jekk kinitx taf li kien hemm proċeduri ta' disprezz kontra George Mifsud dak iż-żmien hija wieġbet li iva. Hija qalet li ma kellha ebda intenzjoni li tagħmillu xi malafama u nnegat li qatt kellmitu. U fl-affidavit kienet qalet il-verita'. Ix-xhud reġgħet spjegat illi qalet dak il-kliem għax kienet taf bil-kawża tad-disprezz li kienet għadha ma nqatgħetx u kien hemm il-kawżi l-ohrajn. U ma kienet qed tirreferi għal xejn iktar. Hija nnegat li kienet qed tirreferi għal xi ħaġa tal-pulizija.

13. Xehed ukoll Dr. Chris Cilia li qal u kkonferma li l-affidavit mertu ta' din il-kawza kien ppreżentat f'Ottubru 2004 f'kawza ċivili, Raymond u Maria konjuġi Vella vs George Mifsud.

Ikkonsidrat

Il-fatti ta' dan il-każ huma sempliċi. L-imputata kienet għamlet affidavit li fih kienet qalet illi 'Kienu qaluli wkoll illi l-konvenut kellu l-problemi mal-ġustizzja.' Il-Qorti fliet l-affidavit kollu li għandu x'jaqsam ma' kwistjoni ta' bini ta'

kamra fejn allegatament mhux suppost illi bnieha George Mifsud. Hemm espress fih wkoll li peress li kien hemm il-kamra tal-banju viċin ta’ din il-kamra, kien hemm il-biża’ da parti ta’ l-imputata illi ssib propja lil George Mifsud ma wiċċha meta hija tidħol fil-kamra tal-banju. Id-difiża ssottomettiet illi peress li l-affidavit jifforma parti minn proċeduri ġudizzjarji, dan huwa privileġġjat. Fil-liġi tagħna, fil-Press Act, il-ġurnalista huwa protett jekk jirraporta xi ntqal fil-Qorti jew xi ntqal fil-Parlament. Tidher li ttieħdet prassi li dak li jingħad matul proċeduri fil-Qorti għandu jinżamm bħala privileġġjat.

15. Fil-każ ‘Nikula vs Finland’ deċiż fil-21 ta’ Marzu 2002, il-Qorti Ewropea kienet sabet ksur tad-Dritt li jgawdi l-individwu taħt l-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni, meta avukat li kien qed jiddefendi klient, kien għajjar lill-prosekutur. Fil-paragrafu 55, il-Qorti qalet :

‘It should be primarily for counsel themselves, subject to supervision by the bench, to assist the relevance and usefulness of a defence argument without being influenced by the potential chilling effect of even a relatively light criminal penalty or an obligation to pay compensation for harm suffered or costs incurred.

It is therefore only in exceptional cases that restriction – even by way of a lenient criminal penalty of defence counsel’s freedom of expression can be accepted as necessry in a democratic society. (Omissis para 55).

In these circumstances the Court concludes that Article 10 of the Convention has been breached and that the Supreme Court’s Judgement upholding the applicant’s conviction and ordering her to pay damages and costs was not proportional to the legitimate aim it is thought to be achieved.’

16. F’din il-kawża kienu daħlu bħala amici curia, kemm l-Interights kif wkoll avukati li għamlu sottomissjonijiet bil-miktub lill-Qorti Ewropea dwar id-drittijiet tal-bniedem dwar il-posizzjoni fl-Awstralja li hija a Commonwealth Country. Fil-memorandum insibu dan li ġej:

‘Paragraph 4. The rules applicable to the treatment of statements made in the course of Court Proceedings are common law rules, which are very well established (and date back at least to the 16th Century). In ‘Royal Aquarium and Summer and Winter Garden Society Limited vs Parkinson (1892)’ it was said ‘First, with regard to the absolute immunity claimed by way of privilege. Privilege or immunity in respect of defamation is of two kinds – absolute privilege, which is conceded to members of the House of Parliament, Judges etc and qualified privilege to which every subject to the Queen is entitled, provied the occasion on which the defamatory matter is written or spoken is privileged and there is an absence of express malice. The authorities establish beyond all question this; that neither party, witness, counsel, jury, nor judge can be put to answer civilly or criminally for words spoken in office; that no action of libel or slander lies, whether against judges, counsel, witnesses or parties for words written or spoken in the Courts of any proceedings before any course recognised by law, and this through the words written or spoken malisciously, without any justification or excuse, and from personal ill-will and anger against the person defamed.’

So it is that any and all statements made by counsel (and other participants) in Court proceedings are absolutely privileged and cannot be impued in civil or criminal defamation proceedings no matter how intemporate or malicious. The application of the privilege was considered recently in the High Court Judgement ‘Mann vs O’Neill’ (1997). In that case it was held:

‘It is well settled that absolute privilege attaches to all statements made in the course of judicial proceedings, whether made by parties, witnesses, legal representatives, members of the jury or by the judge.’ It extends to oral statements and to statements in originating process, impleadings or in other documents produced in evidence or filed in the proceedings. It is said that it extends to any document published for an occasion

properly incidental to judicial proceedings and necessary for them.

Omissis

A more precise basis was identified for that aspect of the privilege in 'Gibbons vs Duffell'. It be said in that case that absolute privilege attaches because it is 'indispensable to the effective performance of official functions (page 4)

The limited exception to the rule of absolute privilege – for example it must give way when criminal proceedings are brought for the offences of perjury, contempt of Court or perverting the course of Justice, 'Jamieson vs The Queen' (1993) and to any applicable statutory exception – do not appear to have any relevance in the present case which concerns an action for defamation.' (Statement on Australia by Wendy Harris and Joan Rosanove Chambers in support of Written Comments by Interights – www.interights.org/doc/australia.pdf)

Konklużjoni

17. Wara li wiżnet il-punti mqajjma f'dawn is-siltiet, il-Qorti qed tqis illi proċeduri quddiem Imħallef iridu jkunu bil-fors privileġġjati. Dan għaliex min jitla' jixhed, jekk jibża li ser ifittxuh għal malafama, allura ma jkunx jista jgħid il-verita'. Ukoll f'kawża sempliċi ta' separazzjoni, il-konjuġi ma jista' jgħid xejn kontra l-konjuġi l-ieħor li jekk ser ikun patibbli għall-malafama. Jekk isir hekk allura l-ġustizzja ma tistax ssir.

18. Fil-każ ta' Malta dan huwa iktar u iktar relevanti minħabba illi wieħed jista' jagħti malafama lil persuna oħra skond l-Artikolu 252 tal-Kap 9 wkoll jekk tgħid il-verita'. Il-Qorti qed tikkonkludi li dak li hemm fl-affidavit huwa privileġġjat u ma jistax wieħed ifittex lil persuna b'akkuża ta' malafama ġaladarba dak il-kliem ikun intqal f'Qorti u ma jkun hemm ebda intenzjoni ħazina fih.

19. Wara kollox, kull att ġudizzjarju u kull kelma li tintqal tibqa' dejjem taħt id-direzzjoni ta' l-Imħallef jew fuq talba ta' xi parti, jista' jikkanċella kliem li jkun forsi rrelevanti jew inkella qed joffendi bla bżonn.

20. Il-Qorti wkoll wara li qieset din il-kwistjoni tal-privileġġ, xorta qed tħares lejn il-mertu u tara illi skond l-Artikolu 252 wieħed irid ikollu l-għan li jkisser jew jagħmel ħsara lil reputazzjoni ta' persuna oħra biex ikun ħati taħt l-Artikolu 252 (1). Wara eżami akkurat ta' l-affidavit, jidher illi dak il-kliem li ntqal fl-affidavit kien iktar spirat minn biza' mill-konvenut, milli biex l-imputatabtagħmillu xi ħsara jew xi malafama. Għalhekk fil-mertu dwar dak li ntqal fl-affidavit, il-Qorti ma hi qed issib xejn li hu malafamanti kif ukoll, kif diġa' qalet, huwa dokument privileġġjat.

21. Waqt li kien qed jixhed, ix-xhud George Mifsud qal illi gieli għajjritu bil-kelma 'kriminali'. Il-Qorti staqsietu jekk jiftakarx id-dati u l-avukat difensur staqsieh jekk kienx għamel xi kwerela dwar dan.

22. Mhux bilfors illi fuq kwistjoni ta' malafama tagħmel il-kwerela. Ikun biżżejjed li l-Qorti tkun sodisfatta beyond reasonable doubt illi jkun sar ċertu kliem vis a vis ix-xhud li tela' jixhed. Pero' l-Qorti tinnota li meta staqsiet għad-dati, ebda data ma ngħatat waqt il-parametri ta' l-imputazzjoni huma fil-21 ta' Ottubru 2004 u f'ebda data ohra ma tissemma l-imputazzjoni. Effettivament il-21 ta' Ottubru 2004 huwa d-data li tidher fuq it-timbru tal-Qrati ta' Malta meta kien ġie preżentat l-affidavit. Imma ma jfissirx li hemm xi prova illi f'dik id-data l-imputata kienet għajjret lix-xhud b'xi ħaġa. Għal din ir-raġuni l-Qorti ssib illi ma nġabet ebda prova kontra l-imputata illi f'xi ġurnata partikolari li tkun fil-parametri ta' l-imputazzjoni hija kienet għajjret lill-imputat 'kriminali.'

23. Għaldaqstant il-Qorti wara li rat l-Artikoli 252(1)(2)(3) tal-Kap 9 qed tillibera lill-imputata minn kull imputazzjoni dedotta kontra tagħha.

24. F'dawn iċ-ċirkostanzi ma tara ebda raġuni għalfejn tapplika l-Artikolu 383 tal-Kap 9.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------